MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**GEOFFREY VALENZIA**

Seduta tat-28 ta' Gunju, 2006

Rikors Numru. 4127/1999/1

**N.M.R. Limited, Marcus Marshall u Neville Xuereb**

**vs**

**Raymond Aquilina personalment**
**Terra Mediterranea Ltd,**
**Dominic Savio sive Savio Spiteri personalment**
**U Spiteri Holdings Ltd.**

**Il-Qorti,**

**PRELIMINARI**

Rat ir-rikors;

Rat ir-risposta ta’ l-intimat Aquilina a fol 16;

Rat ir-risposta ta’ l-intimat Spiteri a fol 27;

Rat li dan ir-rikors li kien miexi mar-rikors l-iehor bejn l-istess partijiet Nru 4128/99;

Rat id-digriet li bih gie nominat il-Perit Fredrick Doublet a fol 62;

Rat ir-relazzjoni tieghu a fol 124;

Rat il-verbal tal-15 ta' Marzu 2006 fejn gie dikjarat li l-mertu gie ezawrit;

Rat in-nota ta' intimat Spiteri a fol 102;

**KONSIDERAZZJONIET**

Illi dan ir-rikors ghal hrug ta' mandat ta' inibizzjoni kien intlaqa provvisorjament fis-17 ta' Settembru 1999. Jirrizulta li nsegwitu, u minghajr ma l-mandat gie degretat definittivament, kienu gew prezentati tlett kawzi li eventwalment gew decizi mill-Prim Awla u mill Qorti ta' l-Appell. Stante d-dikjarazzjoni li l-mertu tal-mandat gie ezawrit u l-partijiet ma waslux biex jaqblu dwar kif ghandhom jithallsu l-ispejjez tal-mandat, dina l-Qorti intalbet biex taghti sentenza fuq il-kwistjoni ta' l-ispejjez tal-mandat.

Illi t-tlett kawzi li gew prezentati kienu : (1) Citazzjoni Numru 2140/99 fl-ismijiet "Neville Xuereb – vs – Raymond Aquilina personalment, Terra Mediterranea Limited, Domenic Savio sive Savio Spiteri personalment u Spiteri Holdings Limited", (ii) Citazzjoni Numru 2141/99 fl-ismijiet "N.M.R. Property Limited – vs – Raymond Aquilina et", u (iii) Citazzjoni Numru 2142/99 fl-ismijiet "Marcus Marshall – vs – Raymond Aquilina et".

Kien sar appell mis-sentenzi fit-tlett kawzi u l-Qorti ta' l-Appell kienet ikkonfermat, kwantu ghall-meritu, is-sentenza appellata kif moghtija mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fejn kienet cahdet l-eccezzjonijiet kollha tal-konvenuti Raymond Aquilina u s-socjeta` Terra Mediterranea Limited u laqghet it-talbiet attrici u ddikjarat

li l-konvenuti Raymond Aquilina u s-socjeta` Terra Mediterranea Limited kienu kkommettew spoll klandestin u vjolenti meta dahlu fl-imsemmija art.

Il-Qorti ta' l-Appell qablet ukoll mal Prim Awla fejn laqghet l-eccezzjonijiet tal-konvenuti Domenico Savio sive Savio Spiteri u tas-socjeta` Spiteri Holdings Limited u illiberathom mill-osservanza tal-gudizzju.

Kwantu ghall-ispejjez pero' l-Qorti ta' l-Appell iddecidiet li jekk l-appellati (konvenuti Spiteri) ma messhomx gew imharrkin mis-socjeta` attrici u galadarba rrizulta li dawn fizikament ma kkommettew ebda att spoljattiv li bih spussessaw lill-imsemmija socjeta` minn hwejjigha, l-ispejjez gudizzjarji dwarhom, ghandhom jigu supportati mis-socjeta` attrici biss; u mhux mill-konvenuti Aquilina pro et noe kif iddecidiet il-Prim Awla.

F'dan il-mandat ir-rikorrenti qed jippretendu li m'ghandhomx ihallsu l-ispejjez tal-konvenuti Spiteri.

Il-Qorti pero' hi tal-fehma li fil-kaz tal-mandat in ezami l-ispejjez ghandhom ukoll jinqasmu l-istess bhal kif iddecidiet il-Qorti ta' l-Appell. L-ewwelnett il-mandat fih l-istess premessi u talbiet bhal ma hemm fil-kawzi decizi mill-Appell. Il-kawza saret ghall-jedd (dritt sostantiv) imsemmi fil-mandat (dritt procedurali), cjoe biex l-atturi jikkonkretizzaw l-kreditu taghhom. Inoltre gie stabilit li l-konvenuti Spiteri kienu estraneji ghal li -spoll kommess mill-konvenuti Aquilina.

**DECIZJONI**

Ghal dawn il-motivi
Il-Qorti tiddeciedi
Li l-ispejjez tal-mandat ghandhom jinqasmu kif ser jinghad:
L-ispejjez kollha inkluzi dawk tal-perit tekniku nominat huma a karigu ta' Raymond Aquilina u s-socjeta` Terra Mediterranea Limited in solidum minbarra l-ispejjez relattivi ghall-konvenuti Domenico Savio sive Savio Spiteri

u Spiteri Holdings Limited li ikunu a karigu biss tas-socjeta` attrici.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------